

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' konsultazzjoni tar-rappreżentanti tal-persunal.
  - Ir-rikorrent jiddikjara f'dan ir-rigward li l-interpretazzjoni l-ġdida tikkostitwixxi proċedura leġiżlattiva f'vesti differenti, adottata minn korp li ma għandux il-kompetenza u li la rrispettat il-modalitajiet u lanqas il-proċedura, u li matulha ma ġewx ikkonsultati r-rappreżentanti tal-persunal.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' drittijiet kweżiti, ta' protezzjoni ta' aspettativi leġittimi u ta' assenza ta' sistema tranżitorja.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tad-dmir ta' premura u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Awwissu 2020 – Wolf Oil vs EUIPO – Rolf Lubricants (ROLF)**

**(Kawża T-531/20)**

(2020/C 339/39)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Wolf Oil Corp. (Hemiksem, il-Belġju) (rappreżentanti: T. Heremans u L. Depypere, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Rolf Lubricants GmbH (Leverkusen, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark figurattiva "ROLF" – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 286 835 li tindika l-Unjoni Ewropea

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Ġunju 2020 fil-Każ R 1958/2019-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- sussidjarjament, tbiddel id-deċiżjoni kkontestata sabiex l-azzjoni tagħha titqies li hija fondata u, konsegwentement, tilqa' l-oppożizzjoni tagħha;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2020 – Stada Arzneimittel vs EUIPO – Pfizer (RUXIMBLIS)****(Kawża T-542/20)**

(2020/C 339/40)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Stada Arzneimittel AG (Bad Vilbel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Pfizer Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni "RUXIMBLIS" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 865 738

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Ġunju 2020 fil-Każ R 1877/2019-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi il-proċedimenti tal-appell.

**Motiv invokat**

Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---